TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 74/13-F

**Jean Pierre Baldacchino**

**vs**

**James Zammit Ltd.**

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Marzu, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disa' mija, u tlieta w sebgħin ewro, u tmenin ċenteżmi (€973.80), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li kien hemm fil-karozza li xtara *second-hand* mingħand l-intimat u li kien imwiegħed li kellu jittranġaw.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara karozza f'Awwissu 2012 u kellha xi grif fil-*bumper* ta' wara u ta' quddiem, fuq il-*bonnet* u l-bagoll, u li l-ixkaffa ta' wara kienet nieqsa u kif ukoll ma kellux *spare key*. Illi minkejja li ġew sprenjati l-*bumpers*, il-*finish* tal-i*spray* kien ta' kwalita' inferjuri. Kif ukoll kellu jieħu mitt ewro (€100) sabiex jagħmel l-i*spray* hu.

L-intimat issottometta li l-i*spray* kien tajjeb u li kien lest li jagħtih xkaffa tal-bagoll u s-*spare key*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, kellu l-opportunita' wkoll li jispezjona din il-vettura, fejn wasal għal dawn il-konklużjonijiet, illi l-i*spray* ma kienx ta' kwalita' tajba, illi f'ċertu postijiet kien inferjuri.

It-Tribunal, jinnota li l-ixkaffa ta' wara tiswa sittin ewro (€60), s-*spare key* tiswa mitejn u ħamsin ewro (€250), u r-rikorrenti talab mitt ewro (€100) sabiex jagħmel l-i*spray*.

It-Tribunal qiegħed jemmen lir-rikorrenti li kien hemm dan il-ftehim.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti sittin ewro (€60) ta' l-ixkaffa ta' wara, mitejn u ħamsin ewro (€250) tas-*spare key* u mitt ewro (€100) illi r-rikorrenti aċċetta li jieħu tal-i*spray*.

Għaldaqstant it-Tribunal, qed jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma b'kollox ammontanti għal erba' mija u għaxar ewro (€410), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**